QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D.

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 71/01**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**Vs**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u erba' lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm304.46) ghal import merkanzija ta' ikel lilu mibjugha ghal The Trees Restaurant u debitament konsenjata, kif jidher mill-`invoice' hawn anness u mmarkat Dokument A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Jannar 2001, u l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra tieghu li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi

in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u erbgha liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm304.46c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mill-31 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg